**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TMINJA U TLETIN**

**26ta' LULJU, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **38.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 38.1.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-membru Joseph D'Amato jinsab imsiefer Dok 1 mehmuż. |
| | | |
| | | |
| **38.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 38.2.1 | | Ġew approvati l-minuti ts-sebgħa u tletin –il seduta. |
| | | |
| ***38.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 38.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara li l-Kunsill irċieva email mingħand |

| | | |
|---|---|---|
| | | ir-Reġjun Nofisnhar biex min irid ikun jista japplika għall-fondi speċjalizzati għall-għoti mill-ġdid ta' tarmak lill toroq fir-responsabbilita tal-Kunsill, il-Kunsillier u membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li t-Triq Gio Batta Riccio li kien qabel li jagħmel il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra issir minn dawn il-fondi. Għalhekk applikajna għaliha taħt din l-iskema. |
| | | |
| 38.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand l-Uffiċċju Elettorali biex żewġ toroq ġodda li jinsabu fi Triq Sant Agatha jingħataw isem.<br><br>Kien hemm qbil li dawn jingħataw l-isem ta' : Triq Carmelo Schembri (1919-1990) u Triq Antonia Schembri (1920-1992) fondaturi tal-knisja ta' Santa Marija f'Bubaqra. Tali ismijiet kienu approvati f'seduti preċedenti, fis-sena 2014. |
| | | |
| 38.3.2 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia qal li hemm bankina imkissra fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Bubaqra. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol. |
| | | |
| 38.3.3 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hemm bżonn li jinqata l-ħaxix madwar iċ-ċimiterju u t-triq int u sejjer lejn il-kamra tan-nar ta' Santa Katarina. Hu ssuġġerixxa ukoll li wara li jiġi maqtugħ il-ħaxix, isir il-patching fl-istess triq. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***38.4*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 38.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 23ta' Awwissu, 2017 fis-17:30. |
| | | |

Konfermati, illum 23 ta' Awwissu, 2017.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**